

# Ġrajja ta' Kwadru ta' San Ġużepp

Kitba ta' Lorenzo A. Zahra

Fil-knisja ta' San Lawrenz fil-Birgu hemm kwadru sabiħ li juri l-Ħarba tal-Eġittu li huwa attribwit lil wieħed mill-aqwa artisti ta' Bologna - Domenico Zampieri msejjaħ ukoll 'Dommenichino'. Kif wasal il-Birgu dan il-kwadru hija ġrajja interessanti, daqskemm misterjuża.

Nibdew biex ngħidu li f'Malta kellna biss żewġ kwadri ta' dan il-pittur u dawn kienu dak tal-Madonna Kewkba tal-Baħar u dak tal-Ħarba tal-Eġittu li kienu fl-ewwel knisja tal-Portu Salvu l-Belt. Meta fil-bidu tas-seklu li għadda din il-knisja reġgħet ġiet mibnija, dawn iż-żewġ kwadri tneħħew biex minflokhom saru oħrajn ġodda. Dak tal-Madonna kien instab għand is-Sur Inglott li għoġbu jirregalah lill-knisja ta' Stella Maris tas-Sliema u jinsab fit-titular. Dak ta' San Ġużepp jingħad li kien xtrah sinjur Ingliż, iżda meta ġie biex jieħdu kien għeb, insteraq jew xi ħadd ħbieh biex ma jinbiegħx. Fil-fatt, meta fl-Italja ġew stampati ġabra ta' xogħlijiet ta' dan il-famuż pittur, imkien ma jidher dan il-kwadru. Kien għadu mistur sew.

Snin wara, ċertu Mastru Doru jew aħjar Teodoru Fabri li kien prokuratur ħabrieki tal-Fratellanza antika ta' San Ġużepp tal-Birgu, mar l-Imdina biex jiġbor il-kera. Għand furnar lemaħ romblu mdaqqas li meta staqsa x'kien, qalulu li kienet santa kbira ta' San Ġużepp. Doru rah u xtrah għal ħamsin skud. Kienet is-sena 1860. Ħadu l-Birgu u rranġah biex qegħdu flok il-qadim fil-knisja parrokkjali fuq l-artal li kellha l-fratellanza. U b'xorti tajba għadu hemm sal-lum.

Meta Ferris kiteb dwar ġrajjiet il-knejjes jgħid li dan huwa kopja magħmula minn Erardi waqt li l-oriġinal jinsab f'Mużew fl-Ingilterra. Illum, b'tant pubblikazzjonijiet, ħadd għadu ma rnexxielu jsib f'liema Mużew fl-Ingilterra jinsab dan il-kwadru oriġinali. Min jifhem u ma jkunx anqas preġudikat, meta jqabbel il-kwadru ma' dak f'tas-Sliema, jinduna li dan il-kwadru jaqbel u juri l-istess id u li mhux kopja.



*Il-Ħarba tal-Eġittu fil-knisja tal-Birgu*

Ta' min jgħid li meta l-pittur Għawdxi Busuttil kien jaħdem fil-knisja tal-Birgu, kien għamel kopja ta' dan il-kwadru, li llum tinsab fil-Katidral tar-Rabat Għawdex.

Ix-xena turi l-Madonna riekba l-ħmara, f'idejha it-tarbija Ġesù waqt li San Ġużepp miexi ggwidat minn anġlu.